

Brussell, 11 ta' April 2019
(OR. en)

8059/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0129(COD)

CODEC 835
TRANS 241
PE 149

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq
- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew,
(Brussell, 3 - 4 ta' April 2019)

I. INTRODUEZZJONI

Ir-rapporteur, Daniela AIUTO (EFDD, IT), ippreżentat rapport li jikkonsisti f'f'ħamsa u sittin emenda (l-emendi 1-65) għall-proposta għal Direttiva f'isem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, tressqet emenda ta' kompromess (l-emenda 66). Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma tressqet ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fl-4 ta' April 2019, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda 66) għall-proposta għal Direttiva.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata u r-risoluzzjoni leġislattiva jikkostitwixxu l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari². Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedement bejn l-istituzzjonijiet. Konsegwentement, ladarba l-ġuristi-lingwisti jkunu skrutinizzaw it-test, il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² It-test tal-emendi adottati u r-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew jinsabu fl-Anness. L-emendi huma ppreżentati fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2019 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (COM(2018)0274 – C8-0196/2018 – 2018/0129(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0274),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0196/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Parlament Svediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018³,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Frar 2019⁴,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Frar 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0008/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 261.

⁴ Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁷,

* IL-FINALIZZAZZJONI LEGALI-LINGWISTIKA TA' DAN IT-TEST GĦADHA MA SARITX.

⁵ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 261.

⁶ ĠU C ...

⁷ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' April 2019.

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-20 ta' Lulju mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni intitolata "Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020" iddikjarat l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni li jitnaqqas bin-nofs l-għadd ta' mwiet fit-toroq sal-2020 meta mqabbel mal-2010, u biex nersqu eqreb lejn żero fatalitajiet sal-2050. Madankollu, il-progress lejn il-kisba ta' dawk l-objettivi waqaf f'dawn l-aħħar snin. ***Mira interim ġdida ta' tnaqqis bin-nofs tal-għadd ta' korrimenti serji sal-2030 meta mqabbel mal-2020 ġiet approvata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar is-sikurezza tat-toroq, billi approva d-Dikjarazzjoni tal-Belt Valletta ta' Marzu 2017. Għalhekk, huma meħtieġa sforzi akbar biex dawk iż-żewġ livelli jintlaħqu.***
- (2) Skont l-approċċ tas-Sistema Sikura, l-imwiet u l-korrimenti serji fl-aċċidenti tat-traffiku, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jistgħu jiġu evitati. Din jenħtieġ li tkun responsabbiltà kondiviża fil-livelli kollha biex jiġi żgurat li l-aċċidenti tat-triq ma jwasslux għal korrimenti serji jew fatali. B'mod partikolari, toroq imfassla tajjeb u miżmuma b'mod xieraq ***li jkollhom marki u sinjali ċari*** għandhom inaqqsu l-probabbiltà tal-aċċidenti tat-traffiku, filwaqt li toroq "li jaħfru" (toroq imfassla b'mod intelliġenti biex jiġi żgurat li l-iżbalji fis-sewqan mhux bilfors ikollhom konsegwenzi serji ***jew fatali***) għandhom inaqqsu l-gravità tal-aċċidenti ***tat-triq. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi gwida għall-forniment u ż-żamma ta' "għnub tat-triq li jaħfru" billi tibni fuq l-esperjenza tal-Istati Membri kollha.***

- (3) It-toroq tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport definit fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ huma ta' importanza kbira fl-appoġġ għall-integrazzjoni Ewropea. Jenħtieġ għalhekk li jiġi ggarantit livell għoli ta' sikurezza f'dawn it-toroq.
- (4) Il-proċeduri ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq implimentati fin-netwerk TEN-T għenu biex jitnaqqsu l-fatalitajiet u l-korrimenti serji fl-Unjoni. Huwa ċar mill-evalwazzjoni tal-effetti tad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ li l-Istati Membri li applikaw il-prinċipji tal-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq ("il-prinċipji tal-RISM") fuq bażi volontarja fit-toroq nazzjonali tagħhom, lil hinn min-netwerk TEN-T, laħqu prestazzjoni tas-sikurezza tat-toroq ferm aħjar mill-Istati Membri li ma jagħmlux dan. ***Huwa għalhekk ukoll mixtieq li dawn il-prinċipji tal-RISM) jiġu applikati għal partijiet oħra tan-netwerk tat-toroq Ewropew.***

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

⁹ Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).

- (5) *Huwa importanti li s-sezzjonijiet tat-toroq mibnija fuq pontijiet u s-sezzjonijiet tat-toroq li jgħaddu mill-mini li huma parti min-netwerk fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu koperti wkoll b'din id-Direttiva f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza tat-toroq, bl-eċċezzjoni tal-mini koperti bid-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.*
- (6) *Għal raġunijiet ta' sikurezza tat-toroq huwa importanti li d-dħul u l-ħruġ għal żoni ta' parkeġġ tul in-netwerk fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari l-awtostradi u t-toroq primarji, ikunu koperti wkoll b'din id-Direttiva.*
- (7) *Il-kundizzjonijiet staġjonali jvarjaw sostanzjalment bejn l-Istati Membri u r-reġjuni. Għalhekk, huwa importanti li daww il-kundizzjonijiet jitqiesu b'mod xieraq fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva.*

¹⁰ *Id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-*Network Trans-Ewropew tat-Toroq* (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 39).*

- (8) Proporzjon kbir ta' aċċidenti tat-traffiku jseħħu fuq proporzjon żgħir ta' toroq fejn il-volumi tat-traffiku u l-veloċitajiet huma għoljin u fejn ikun hemm firxa kbira ta' traffiku li jivvjaġġa b'veloċitajiet differenti. Għalhekk, l-estensjoni limitata tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/96/KE għall-awtostradi u **toroq primarji oħra** lil hinn min-netwerk tat-TEN-T għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq madwar l-Unjoni.
- (9) ***Sabiex jiġi żgurat li tali estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni jkollha l-effett maħsub, huwa loġiku li t-toroq primarji għajr l-awtostradi jinkludu t-toroq kollha li jappartjenu lill-ogħla kategorija ta' toroq taħt il-kategorija tal-awtostrada fil-klassifikazzjoni tat-toroq nazzjonali. Għall-istess raġuni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jiżguraw li tal-inqas it-toroq kollha li għalihom kienet tapplika d-Direttiva 2008/96/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, inkluż fuq bażi volontarja, jenħtieġ li jibqgħu jkunu koperti b'din id-Direttiva.***

- (10) Barra minn hekk, l-applikazzjoni obbligatorja tal-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 2008/96/KE għal kwalunkwe proġett ta' infrastruttura tat-toroq barra ż-żoni urbani li jiġi esegwit permezz ta' finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li tiżgura li l-fondi tal-Unjoni ma jintużawx biex jinbnew toroq mhux sikuri.
- (11) *Id-Direttiva 2008/96/KE tkopri b'mod esklużiv l-infrastruttura tat-toroq. Il-liġi dwar it-traffiku fit-toroq għaldaqstant mhijiex affettwata minn din id-Direttiva, u lanqas mhi l-kompetenza tal-Istati Membri biex jieħdu deċiżjonijiet bl-awtorità tagħhom stess fir-rigward tal-liġi dwar it-traffiku fit-toroq. Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Traffiku fit-Toroq tad-19 ta' Settembru 1949 u l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar it-Traffiku fit-Toroq, kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar is-Sinjali tat-Toroq tat-8 ta' Novembru 1968 jenħtieġ li jiġu rispettati.*
- (12) Il-valutazzjoni *tas-sikurezza* tat-toroq abbażi tar-riskju fin-netwerk kollu rriżultat li hija strument effiċjenti u effikaċi biex jiġu identifikati sezzjonijiet tan-netwerk li jenħtieġ li jiġu indirizzati, permezz ta' spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq aktar bir-reqqa, u biex l-investiment jingħata prijorità skont il-potenzjal tiegħu biex iwassal għal titjib tas-sikurezza fin-netwerk kollu. In-netwerk kollu tat-toroq kopert b'din id-Direttiva, għalhekk, jenħtieġ li jiġi vvalutat, b'mod sistematiku, *inkluż permezz ta' data miġbura b'mezzi elettroniċi u diġitali*, biex tiżdied is-sikurezza tat-toroq madwar l-Unjoni.

- (13) L-integrazzjoni tal-elementi bl-aħjar prestazzjoni mill-proċedura preċedenti "tal-
klassifikazzjoni u tal-ġestjoni tas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq" fi proċedura ġdida għall-
valutazzjoni ***tas-sikurezza*** tat-toroq fin-netwerk kollu hija maħsuba biex tippermetti
identifikazzjoni aħjar ta' sezzjonijiet tat-toroq fejn l-opportunitajiet għat-titjib tas-sikurezza
huma l-ikbar u fejn interventi mmirati għandhom iwasslu għall-aqwa titjib.
- (14) ***Sabiex titjeb il-kwalità, l-oġġettività, kif ukoll l-effiċjenza tal-proċeduri tal-RISM, huwa
ta' benefiċċju li l-Istati Membri jitħallew jieħdu vantaġġ, fejn xieraq, mit-teknoloġiji li
qed jiżviluppaw kontinwament għall-ispezzjoni ta' sezzjonijiet tat-toroq, id-
dokumentazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq u l-ġbir ta' data oħra relatata
mas-sikurezza tan-netwerk tat-toroq.***

- (15) Segwitu sistematiku dwar ir-riżultati tal-proċeduri tal-RISM huwa kruċjali biex jinkiseb it-titjib fis-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq, li hu meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-oġġettivi tas-sikurezza tat-toroq tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-pjanijiet ta' azzjoni bi prijorità jenħtieġ li jiżguraw li l-interventi meħtieġa jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli.
- B'mod partikolari, ir-riżultati tal-proċedura tal-valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom jiġu segwiti jew permezz ta' spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq immirati jew, jekk ikun possibbli u effiċjenti mil-lat tal-ispejjeż magħmula, b'azzjoni diretta ta' rimedju maħsuba biex telimina jew tnaqqas ir-riskji tas-sikurezza tat-toroq mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv żejjed.***
- (16) Il-prestazzjoni tas-sikurezza ta' toroq eżistenti jenħtieġ li tittejjeb permezz ta' investiment immirat fis-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom l-oġġla konċentrazzjoni ta' aċċidenti kif ukoll l-oġġla potenzjal ta' tnaqqis ta' aċċidenti.
- (17) ***Il-Finanzjament u l-inċentivi finanzjarji fil-livell tal-Unjoni jistgħu, f'konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli, jintużaw biex jipprovdu appoġġ għal investiment bħal dan, u dan jikkomplementa l-investimenti u l-inċentivi nazzjonali korrispondenti.***

- (18) Sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li jmissu ma' mini tat-triq tan-netwerk tat-toroq trans-Ewropew koperti bid-Direttiva 2004/54/KE jippreżentaw riskju partikolarment għoli ta' aċċidenti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu introdotti spezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq ta' dawn is-sezzjonijiet tat-toroq, li jinvolvu rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti, kemm tat-toroq kif ukoll tal-mini, sabiex tittejjeb is-sikurezza tan-netwerk tat-toroq ***kopert b'din id-Direttiva.***
- (19) L-utenti vulnerabbli tat-toroq ammontaw għal 47 % tal-fatalitajiet fit-toroq tal-Unjoni fl-2017. Jekk jiġi żgurat li l-interessi tal-utenti vulnerabbli tat-toroq jiġu kkunsidrati fil-proċeduri kollha tal-RISM ***u fl-iżvilupp ta' rekwiżiti ta' kwalità għall-infrastruttura għal tali utenti tat-toroq,*** is-sikurezza tagħhom fit-triq, għalhekk, għandha tittejjeb.
- (20) ***Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jtejbu l-proċeduri tagħhom li jkollhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet komuni sabiex tittejjeb l-leġġibbiltà u d-detezzjoni effettivi tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa.***

- (21) *It-titjib tas-sikurezza huwa prijorità wkoll għall-intersezzjonijiet bejn toroq u binarji (jiġifieri titjib fis-senjalar, l-infrastruttura). Skont ir-Rapport dwar is-Sikurezza Ferrovarja u l-Interoperabbiltà fl-UE 2018 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, fl-2016 kien hemm 433 aċċident sinifikanti fuq il-108 000 intersezzjoni fl-istess livell fl-Unjoni, li rriżultaw f'255 fatalità u 217 ruħ korruti serjament. Konsegwentement, l-intersezzjonijiet fl-istess livell li joħlqu riskju għoli għas-sikurezza għandhom jiġu identifikati, bil-għan li jittejbu.*
- (22) *Il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku ta' kwalità għolja huma kruċjali biex jgħinu lis-sewwieqa u lill-vetturi konnessi u awtomatizzati. Speċifikazzjonijiet komuni għall-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku jenħtieġ li jiffurmaw il-bażi li twitti t-triq lejn l-applikazzjoni ta' sistemi avvanzati tal-mobbiltà konnessi u awtomatizzati. Ikun preferibbli approċċ armonizzat madwar l-Ewropa kollha f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar is-Sinjali tat-Toroq tal-1968.*

- (23) *Sabiex jissaħħu r-riżultati mistennija mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u biex jiġi żgurat livell adegwat ta' sikurezza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn is-servizzi tagħhom tal-protezzjoni ċivili, tar-rispons ta' emerġenza u tal-pulizija tat-traffiku, fejn xieraq u speċjalment f'sezzjonijiet ta' toroq transfruntiera. Fejn tkun meħtieġa kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dawk l-attivitatiet, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili skont id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ joffri qafas għal dak l-għan.*
- (24) *Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku, b'mod partikolari d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati mas-sikurezza jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku meta l-akkwisti pubbliċi jitwettqu fis-settur tal-infrastruttura tat-toroq.*
- (25) *Sabiex tinkiseb it-trasparenza u tittejjeb ir-responsabbiltà, ■ jenħtieġ li jiġu rappurtati klassifikazzjonijiet dwar is-sikurezza tat-toroq sabiex l-utenti tat-toroq ikunu jistgħu jiġu infurmati dwar l-istat tal-infrastruttura u tiżdied b'mod ġenerali s-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar dan.*
- (26) *L-iskambju ta' esperjenzi dwar il-metodoloġiji tas-Sistema Sikura bejn il-prattikanti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awdituri tas-sikurezza tat-toroq għandhom jiġu mħeġġa.*

¹¹ *Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).*

¹² *Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).*

- (27) Il-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' valutazzjonijiet **tas-sikurezza** tat-toroq fin-netwerk kollu jenħtieġ li tippermetti l-paragun tal-livelli tas-sikurezza tal-infrastruttura madwar l-Unjoni.
- (28) L-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' proċeduri li jiżguraw livell għoli u konsistenti ta' sikurezza tat-toroq fin-netwerk tat-TEN-T kollu u fin-netwerk tal-awtostradi u t-toroq primarji madwar l-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod tajjeb biżżejjed mill-Istati Membri; madankollu, peress li huwa meħtieġ tiġib fl-Unjoni kollha biex tiġi żgurata l-konverġenza lejn standards oġhla tas-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq, dan l-għan jista' jinkiseb fil-livell tal-Unjoni; għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan. B'riżultat ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-ivvjaġġar madwar l-Unjoni mistenni jsir iktar sikur, u dan imbagħad mistenni jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern u jappoġġa l-oġettiv tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

- (29) Biex jiġi żgurat li l-kontenut tal-proċeduri tal-RISM ikompli jirrifletti l-aħjar għarfien tekniku disponibbli, il-Kummissjoni jenħteġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tadatta l-Annessi ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹³. B'mod partikolari, sabiex tkun żgurata parteċipazzjoni ndaqsa fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħall-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

¹³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (30) Miżuri speċifiċi huma meħtieġa għat-titjib kontinwu tal-prattiki ta' ġestjoni tas-sikurezza tat-toroq, kif ukoll biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku minn vetturi mgħammra b'sistemi ta' assistenza għas-sewwieq jew livelli oġhla ta' awtomatizzazzjoni. Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (31) Għalhekk, id-Direttiva 2008/96/KE jenħtieġ li tiġi emendata b'mod korrispondenti,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2008/96/KE

Id-Direttiva 2008/96/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tesiġi l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' proċeduri marbutin ma' valutazzjonijiet tal-impatt tas-sikurezza tat-toroq, awditi tas-sikurezza tat-toroq, spezzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq u valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu mill-Istati Membri.
2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal toroq li huma parti min-netwerk tat-toroq trans-Ewropew, għall-awtostradi u għal *toroq* primarji *oħra*, kemm jekk ikunu fl-istadju tad-disinn, kif ukoll jekk qed jinbnew inkella jkunu qed joperaw.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal toroq u proġetti ta' infrastruttura tat-toroq li mhumiex koperti mill-paragrafu 2, li jinsabu 'l barra miż-żoni urbani, **li ma jwasslu għal proprjetajiet li jmissu magħhom** u li jitlestew **bl-użu ta' finanzjament tal-Unjoni bl-eċċezzjoni ta' toroq li mhumiex miftuħa għal traffiku ta' vetturi ġenerali bil-mutur bħall-passaġġi għar-roti, jew toroq li mhumiex iddisinjati għal traffiku ġenerali bħat-toroq ta' aċċess għal siti industrijali, agrikoli jew forestali.**
4. **L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva toroq primarji li għandhom riskju baxx għas-sikurezza, abbażi ta' raġunijiet debitament ġustifikati marbuta mal-volumi tat-traffiku u l-istatistika tal-aċċidenti.**
- L-Istati Membri jistgħu jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva toroq mhux imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.**
- Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, sa... [24-il xahar wara ddhul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], il-lista ta' awtostradi u ta' toroq primarji fit-territorju tiegħu u, wara dan, kwalunkwe bidla sussegwenti fihom. Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni t-toroq eżentati f'konformità ma' dan il-paragrafu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jew inklużi fiha, u, minn hemm 'il quddiem, kwalunkwe bidla sussegwenti fihom.**
- Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tat-toroq notifikati skont dan l-Artikolu.**
5. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-mini fit-triq koperti mid-Direttiva 2004/54/KE.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. "netwerk tat-toroq trans-Ewropew" tfisser in-netwerk tat-toroq identifikat fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

* Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).";

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"2a. "awtostrada" tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet mal-ġnub tagħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- (a) tkun mġhammra, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strixxa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;
- (b) li fil-livell tagħha ma taqşam ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi;
- (c) tkun iddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;

- 2b. "triq primarja" tfisser triq *barra ż-żoni urbani li tgħaqqad bliet kbar jew reġjuni, jew it-tnejn, u li tappartjeni għall-ogħla kategorija ta' toroq taħt il-kategorija "awtostrada" fil-klassifikazzjoni tat-toroq nazzjonali li tkun fil-post fi... [id-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva li temenda fil-ĠU];"*
- (c) il-punt 5 jitħassar;
- (d) il-punti 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:
- "6. "klassifikazzjoni tas-sikurezza" tfisser klassifikazzjoni ta' partijiet min-netwerk ta' toroq eżistenti f'kategoriji skont is-sikurezza intrinsika tagħhom imkejla oġġettivament;

7. "spezzjoni *mmirata* tas-sikurezza tat-toroq" tfisser *investigazzjoni* mmirata biex tidentifika kundizzjonijiet perikolużi, difetti u *problemi* li jżidu r-riskju ta' aċċidenti u korrimenti, *abbażi ta' spezzjoni fuq il-post ta' triq eżistenti jew ta' sezzjoni minn triq*";

(e) *jiddaħħal il-punt li ġej:*

"7a. *"spezzjoni perjodika tas-sikurezza tat-toroq" tfisser verifika perjodika ordinarja tal-karatteristiċi u d-difetti li jirrikjedu xogħol ta' manutenzjoni għal-raġunijiet ta' sikurezza;*";

(f) jiżdied il-punt li ġej:

"10. "utent vulnerabbli tat-triq" tfisser utenti tat-triq mingħajr vettura bil-mutur, inklużi, b'mod partikolari, il-persuni bir-roti u l-persuni bil-mixi, kif ukoll l-utenti ta' vetturi motorizzati b'żewġ roti.";

(3) *fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

"5a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida għad-disinn ta' "għnub tat-toroq li jaħfru" u toroq "awtoevidenti" (self-explaining) u "self-enforcing" (li jgħinu lis-sewwieq awtomatikament fis-sikurezza tat-toroq) fl-awditu inizjali tal-fażi tad-disinn, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità rigward l-utenti vulnerabbli tat-toroq. Dik il-gwida għandha tiġi żviluppata f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri.

(4) l-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Valutazzjoni *tas-sikurezza* tat-toroq fin-netwerk kollu

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu li joperaw u li huma koperti b'din id-Direttiva. ■

2. *Il-valutazzjonijiet tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom jeżaminaw ir-riskju tal-gravità tal-aċċidenti u tal-gravità tal-impatt, abbażi ta':*
- (a) *primarjament, eżami viżiv, fuq il-post jew b'mezzi elettroniċi, tal-karatteristiċi tad-disinn tat-triq (sikurezza intrinsika); u*
 - (b) *analiżi tas-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li ilhom jintużaw għal aktar minn tliet snin u li fuqhom seħħ għadd kbir ta' inċidenti serji fi proporzjon mal-fluss tat-traffiku;*
3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ewwel valutazzjoni tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu ssir sa mhux aktar tard mill-2024. Valutazzjonijiet sussegwenti tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu għandhom ikunu frekwenti biżżejjed biex jiġu żgurati livelli adegwati ta' sikurezza, iżda fi kwalunkwe każ għandhom isiru mill-inqas kull ħames snin.*

4. Fit-twettiq tal-valutazzjoni ***tas-sikurezza*** tat-toroq fin-netwerk kollu, l-Istati Membri ***jistgħu jqisu*** l-elementi ***indikattivi*** stabbiliti fl-Anness III.
5. ***Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi gwida dwar il-metodoloġija għat-twettiq ta' valutazzjonijiet sistematiki tas-sikurezza tat-toroq fin-netwerk kollu u l-klassifikazzjonijiet tas-sikurezza.***
6. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ***u għall-fini ta' prijoritizzazzjoni tal-ħtiġijiet għal azzjoni ulterjuri***, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw is-sezzjonijiet kollha tan-netwerk tat-toroq f'mhux inqas minn tliet kategoriji skont ***il-livell ta' sikurezza*** tagħhom.

■

(5) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

Spezzjonijiet ***perjodiċi*** tas-sikurezza tat-toroq";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru spezzjonijiet *perjodiċi* tas-sikurezza tat-toroq *frekwenti biżżejjed sabiex jissalvagwardaw il-livelli ta' sikurezza adatti għall-infrastruttura tat-toroq ikkonċernata.*";

(c) il-paragrafu 2 *huwa mħassar*;

(d) *Il-paragrafu 3 huwa* sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sikurezza tas-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li jmissu ma' mini tat-triq koperti mid-Direttiva 2004/54/KE, permezz ta' spezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq li jinvolvu entitajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u d-Direttiva 2004/54/KE. L-ispezzjonijiet konġunti tas-sikurezza tat-toroq għandhom *ikunu biżżejjed frekwenti biex jiżguraw livelli xierqa ta' sikurezza, iżda fi kwalunkwe każ isiru mill-inqas darba kull sitt snin*";

(6) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 6a

Segwitu tal-proċeduri għal toroq li qed joperaw

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati ta' valutazzjonijiet **tas-sikurezza** tat-toroq fin-netwerk kollu mwettqa skont l-Artikolu 5 jkunu segwiti **jew** bi spezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq jew b'azzjoni ta' rimedju diretta.
2. ***Meta jwettqu spezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-elementi indikattivi stabbiliti fl-Anness IIa.***
3. ***L-ispezzjonijiet immirati tas-sikurezza tat-toroq għandhom jitwettqu minn timijiet ta' esperti. Tal-inqas membru wieħed tal-grupp ta' esperti għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 9(4).***

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tal-ispezzjonijiet *immirati* tas-sikurezza tat-toroq ■ jiġu segwiti minn deċiżjonijiet motivati li jiddeterminaw jekk hiex meħtieġa azzjoni ta' rimedju. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw is-sezzjonijiet tat-toroq fejn hemm bżonn ta' titjib fis-sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq u jiddefinixxu azzjonijiet li għandhom jingħataw prijorità biex titjeb is-sikurezza ta' dawk is-sezzjonijiet tat-toroq.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjoni ta' rimedju tkun immirata *primarjament* lejn is-sezzjonijiet tat-toroq b'livelli baxxi ta' sikurezza u li joffru l-opportunità għall-implimentazzjoni ta' miżuri *b'potenzjal għoli għall-iżvilupp tas-sikurezza u l-iffrankar tal-ispejjeż relatati mal-aċċidenti*.
6. L-Istati Membri għandhom iħejju u jaġġornaw regolarment il-pjan ta' azzjoni bi prijoritizzazzjoni bbażat fuq ir-riskji biex isegwu l-implimentazzjoni tal-azzjoni ta' rimedju identifikata ■ .

Artikolu 6b

Protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-implimentazzjoni tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 6 jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti vulnerabbli tat-triq.

Artikolu 6c

Il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku

1. L-Istati Membri għandhom ***jagħtu attenzjoni speċifika, fil-proċeduri tagħhom eżistenti u futuri għall-marki*** tat-toroq u ***għas-sinjali*** tat-traffiku, ***għal-leġġibbiltà u d-detezzjoni għas-sewwieqa*** umani u ***għas-sistemi ta' awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa***. ***Proċeduri bħal dawn għandhom iqisu speċifikazzjonijiet komuni fejn speċifikazzjonijiet komuni bħal dawn ikunu ġew stabbiliti skont il-paragrafu 3.***

2. *Grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni għandu, sa mhux aktar tard minn Ġunju 2021, jivvaluta l-opportunità li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet komuni li jinkludu elementi differenti li għandhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku tagħhom sabiex isaħħu l-leġġibbiltà u d-detezzjoni effettivi tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa. Dak il-grupp għandu jkun iffurmat minn esperti ddeżinjati mill-Istati Membri. Il-valutazzjoni għandha tinkludi konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti.*

Il-valutazzjoni għandha tqis b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:

- (a) *l-interazzjoni bejn id-diversi teknoloġiji ta' assistenza għas-sewwieq u l-infrastruttura;*

- (b) *l-effett tat-temp u ta' fenomeni atmosferiċi kif ukoll tat-traffiku fuq il-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku preżenti fit-territorju tal-Unjoni;*
 - (c) *it-tip u l-frekwenza tal-isforzi ta' manutenzjoni meħtieġa għal diversi teknoloġiji, inkluża stima tal-ispejjeż.*
3. *Filwaqt li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet komuni, relatati mal-proċeduri tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom l-għan li jiżguraw l-użu operattiv tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku tagħhom, fir-rigward tal-leġġibbiltà effettiva u tad-detezzjoni tal-marki tat-toroq u tas-sinjali tat-traffiku għas-sewwieqa umani u għas-sistemi awtomatizzati ta' assistenza għas-sewwieqa.*

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).

L-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni rigward l-istandards għall-marki tat-toroq u s-sinjali tat-traffiku.

Artikolu 6

Informazzjoni u trasparenza

Il-Kummissjoni għandha tippubblica mappa Ewropea tan-netwerk tat-toroq fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, aċċessibbli online, filwaqt li tenfasizza kategoriji differenti kif imsemmi fl-Artikolu 5(6);

Artikolu 6e

Rappurtar volontarju

L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jistabilixxu sistema nazzjonali għall-iskop ta' rappurtar volontarju, aċċessibbli online għall-utenti kollha tat-toroq, biex jiffaċilitaw il-ġbir ta' dettalji tal-okkorrenzi trażmessi mill-utenti tat-toroq u l-vetturi, u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mas-sikurezza meqjusa minn min jagħmel ir-rapport bħala ta' periklu reali jew potenzjali għas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq;

(7) fl-Artikolu 7, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tipprovdi gwida li abbażi tagħha l-gravità ta' aċċident, inkluż in-numru ta' fatalitajiet u persuni korruti, għandha tiġi rrappurtata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13(2).";

(8) *fl-Artikolu 9, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

"1a. Għal awdituri tas-sikurezza tat-toroq li jieħdu t-taħriġ tagħhom minn... [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kurrikuli ta' taħriġ għall-awdituri tas-sikurezza tat-toroq jinkludu aspetti relatati ma' utenti vulnerabbli tat-triq u l-infrastruttura għal tali utenti.";

(9) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10

Skambju tal-aħjar prattiki

Sabiex tiżdied is-sikurezza tat-toroq fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, li jkopru, fost l-oħrajn, *kurrikula ta' taħriġ għas-sikurezza tat-toroq*, proġetti ta' sikurezza tal-infrastruttura tat-toroq eżistenti, u teknoloġija ppruvata ta' sikurezza tat-toroq.";

(10) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 *huwa mħassar*;

(11) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 11a

Rappurtar

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru 2025 *dwar il-klassifikazzjoni tas-sikurezza tan-netwerk kollu vvalutat f'konformità mal-Artikolu 5. Fejn possibbli, ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija komuni. Jekk applikabbli, ir-rapport għandu jkopri wkoll il-lista tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida nazzjonali aġġornati, inkluż b'mod partikolari t-titjib f'termini ta' progress teknoloġiku u ta' protezzjoni tal-utenti vulnerabbli tat-triq. Mill-31 ta' Ottubru 2025 tali rapporti għandhom jiġu pprovduti kull ħames snin.*

2. *Abbażi ta' analiżi tar-rapporti nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1, fl-ewwel stadju sal-31 ta' Ottubru 2027u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tfassal u tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1, u dwar miżuri ulterjuri possibbli, inkluża reviżjoni ta' din id-Direttiva u adattamenti possibbli għall-progress tekniku."*

(12) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 12

Emenda tal-Annessi

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12a ***li jemenda*** l-Annessi ***sabiex tadattahom*** għall-progress tekniku.";

(13) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 12a

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożżjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni ***għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 12 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali *tat-13 ta' April 2016* dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ■*.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk, fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew oġġezzjoni, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(14) l-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 13

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika *l-Artikolu 5* tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

* Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(15) l-Annessi huma emendati kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... [**24 xahar** mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]. Għandhom immedjatement jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatari

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNES

L-Annessi tad-Direttiva 2008/96/KE huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNES I

ELEMENTI **INDIKATTIVI** TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ";

(b) *fit-taqsim* 2, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) it-traffiku (eż. volum tat-traffiku, kategorizzazzjoni tat-traffiku skont it-tip), inklużi flussi ta' persuni bil-mixi u ta' persuni bir-roti determinati minn attributi tal-użu tal-art mal-ġenb;"

(2) l-Anness II jiġi emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNES II ELEMENTI **INDIKATTIVI** TAL-AWDITI TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ";

(b) fit-Taqsima 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(n) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

- i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,
- ii) dispożizzjonijiet għall-persuni bir-roti, ***inkluża l-eżistenza ta' rotot alternattivi jew passaġġi separati mit-traffiku ta' vetturi bil-mutur b'veloċità għolja,***
- iii) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti,
- iv) ***densità u lokalità ta' punti ta' qsim għall-persuni bil-mixi u l-persuni bir-roti,***
- v) ***dispożizzjonijiet għal persuni bil-mixi u persuni bir-roti f'toroq affettwati fiż-żona,***
- vi) ***separazzjoni ta' persuni bil-mixi u persuni bir-roti mit-traffiku ta' vetturi bil-mutur b'veloċità għolja jew l-eżistenza ta' rotot alternattivi diretti fuq toroq ta' klassi inferjuri;"***

(c) fit-Taqsima 2, il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

- i) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi,
- ii) dispożizzjonijiet għall-persuni bir-roti,
- iii) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti.";

(3) Jiddaħħal l-Anness li ġej:

"ANNESS IIa

ELEMENTI *INDIKATTIVI* TA' SPEZZJONIJIET *IMMIRATI* TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ

1. Allinjament tat-triq u sezzjoni trasversali:

- (a) viżibbiltà u distanzi viżivi;
- (b) limitu tal-veloċità u tqassim tal-veloċitajiet f'żoni;

- (c) allinjament awtoevidenti (jiġifieri "l-leġibbiltà" tal-allinjament *mill-utenti tat-triq*);
 - (d) aċċess għall-proprjetà u l-iżviluppi maġenb it-triq;
 - (e) aċċess għall-vetturi ta' emerġenza u tas-servizzi;
 - (f) trattamenti fil-pontijiet u fil-kanali;
 - (g) tqassim tal-ġenb tat-triq (korsija ta' emerġenza, waqfiet tal-bankini, għub imħaffra jew mgħollija).
2. Intersezzjonijiet tat-toroq u interskambji:
- (a) adegwatezza tat-tip ta' intersezzjoni jew interskambju;
 - (b) ġeometrija tat-tqassim tal-intersezzjoni jew l-interskambju;

- (c) viżibbiltà u leġġibbiltà (il-perċezzjoni) tal-intersezzjonijiet;
 - (d) viżibbiltà fl-intersezzjoni;
 - (e) tqassim tal-karreġġati awżiljari fl-intersezzjonijiet;
 - (f) kontroll tat-traffiku fl-intersezzjoni (eż. ikkontrollati permezz ta' stop jew permezz ta' sinjali tat-traffiku eċċ.);
 - (g) eżistenza ta' postijiet fejn jistgħu jaqsmu t-triq il-persuni bil-mixi ***u l-persuni bir-roti.***
3. Dispożizzjonijiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:
- (a) dispożizzjonijiet għall-persuni bil-mixi;
 - (b) dispożizzjonijiet għall-persuni bir-roti;
 - (c) dispożizzjonijiet għal vetturi motorizzati b'żewġ roti;
 - (d) trasport pubbliku u infrastruttura pubblika;
 - (e) passaġġi tal-istess livell triq/ferrovija (***bil-kunsiderazzjoni partikolarment tat-tip ta' passaġġ u jekk huwiex ikkontrollat minn persunal, jekk huwiex mingħajr persunal, jekk huwiex manwali jew awtomatizzat.***)

4. Dwal, sinjali u marki:

- (a) sinjali tat-triq koerenti, li ma jfixklux il-viżibbiltà;
- (b) leġġibbiltà tas-sinjali tat-traffiku (pożizzjoni, daqs, kulur);
- (c) arbli tas-sinjali;
- (d) marki tat-triq koerenti u d-delinjazzjoni tagħhom;
- (e) leġġibbiltà tal-marki tat-triq (pożizzjoni, dimensjonijiet u retroriflettività f'kundizzjonijiet xotti u mxarrbin)
- (f) kuntrast xieraq tal-marki tat-triq;
- (g) tidwil tat-toroq imdawla u tal-intersezzjonijiet;
- (h) apparat tal-ġenb tat-triq xieraq.

5. Sinjali tat-traffiku:
 - (a) operazzjoni;
 - (b) viżibbiltà.

6. Oġġetti, żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:
 - (a) l-ambjent fil-ġenb tat-triq, inkluża l-veġetazzjoni;
 - (b) perikli mal-ġenb tat-triq u distanza mit-tarf tal-karreġġata ***jew tal-passaġġi għar-roti***;
 - (c) adattament tas-sistemi ta' trażżin fit-toroq li jkunu xierqa għall-utent (riżervi ċentrali u l-quġ tal-ħbit għall-prevenzjoni tal-perikli għall-utenti vulnerabbli tat-triq);

- (d) is-sistemi għat-truf tal-ilqugħ tal-ħbit;
- (e) sistemi ta' trażżin fit-toroq xierqa fit-toroq fuq pontijiet u kanali;
- (f) ċnut (f'toroq b'aċċess ristrett).

7. Bankini:

- (a) difetti tal-bankini;
- (b) reżistenza kontra ż-żliq;
- (c) materjal sfuż/żrar/ġebel;
- (d) l-iffurmar ta' għadajjar, skular tal-ilma.

8. Pontijiet u mini:

(a) preżenza u għadd ta' pontijiet;

(b) preżenza u għadd ta' mini;

(c) elementi viżivi li jirrappreżentaw perikli għas-sikurezza tal-infrastruttura.

9. Elementi oħra:

(a) disponibbiltà ta' żoni ta' parkeġġ u żoni ta' mistrieħ sikuri;

(b) provvedimenti għal vetturi tqal;

(c) tgħammix mill-fanali ta' quddiem;

- (d) xogħlijiet tat-toroq;
- (e) attivitajiet perikolużi mal-ġenb tat-triq;
- (f) informazzjoni xierqa f'tagħmir ITS (eż. sinjali b'messaġġi varjabbli)
- (g) fawna selvaġġa u annimali;
- (h) twissijiet ta' żoni tal-iskejjel (jekk applikabbli).";

(4) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNEX III

ELEMENTI *INDIKATTIVI* TA' VALUTAZZJONIJIET TAS-SIKUREZZA TAT-TOROQ FIN-NETWERK KOLLU

1. Ġenerali:

- (a) tip ta' triq fir-rigward tat-tip u d-daqs tar-reġjuni/bliet li din tgħaqquad;
- (b) tul tas-sezzjoni tat-triq;

- (c) tip ta' żona (rurali, urbana);
- (d) użu tal-art (għall-edukazzjoni, l-industrija, il-kummerċ, ir-residenza, farms u agrikultura, żoni mhux żviluppati);
- (e) densità tal-punti ta' aċċess għall-proprjeta;
- (f) preżenza ta' toroq ta' aċċess (eż. għal ħwienet);
- (g) preżenza ta' xogħlijiet tat-toroq;
- (h) preżenza ta' postijiet tal-parkeġġ.

2. Volumi tat-traffiku:

- (a) volumi tat-traffiku;
- (b) volumi ta' muturi osservati;
- (c) volumi ta' nies bil-mixi osservati fuq iż-żewġ naħat, flimkien ma' persuni li jimxu għat-tul tat-triq jew persuni li jaqsmu t-triq;
- (d) volumi ta' roti osservati *fuq iż-żewġ naħat, b'informazzjoni rigward dawk "misjuqa mat-triq" jew dawk "jaqsmu t-triq"*;
- (e) volumi ta' vetturi tqal osservati;
- (f) flussi ta' persuni bil-mixi stmati mill-attributi tal-użu tal-art mal-ġenb tat-triq;
- (g) flussi ta' roti stmati determinati mill-attributi tal-użu tal-art mal-ġenb tat-triq.

3. Data dwar l-aċċidenti:
 - (a) għadd ta' fatalitajiet, il-post fejn ġraw *u l-kawża tagħhom*, skont il-grupp ta' utenti tat-triq;
 - (b) għadd ta' korrimenti serji u l-post fejn ġraw skont il-grupp ta' utenti tat-triq.

4. Karatteristiċi operattivi:
 - (a) limitu tal-veloċità (ġenerali, għall-muturi; għat-trakkijiet);
 - (b) veloċità tat-operazzjoni (il-85 perċentil);
 - (c) ġestjoni tal-veloċità u/jew trażżin tat-traffiku;
 - (d) preżenza ta' tagħmir ITS: twissijiet dwar punti ta' konġestjoni, sinjali b'messaġġi varjabbli;
 - (e) twissijiet dwar żoni tal-iskejjel;
 - (f) preżenza ta' superviżur tal-iskola għall-qsim tat-triq f'perjodi preskritti.

5. Karatteristiċi ġeometriċi:

- (a) karatteristiċi tas-sezzjoni trażversali (għadd, tip u wisa' tal-karreġġati, tqassim tal-korsiji ta' emerġenza ċentrali medjani u l-materjal tagħhom, karreġġati għar-roti, passaġġi għall-mixi eċċ.), inkluża l-varjabbiltà tagħhom;
- (b) kurvatura orizzontali;
- (c) grad u allinjament vertikali;
- (d) viżibbiltà u distanzi viżivi.

6. Oġġetti, żoni ħielsa u sistemi ta' trażżin fit-toroq:

- (a) l-ambjent tal-ġenb tat-triq u żoni ħielsa;
- (b) ostakli fissi fil-ġenb tat-triq (eż. l-arbli tad-dawl, siġar, eċċ.);

- (c) distanza tal-ostakli mill-ġenb tat-triq;
- (d) densità tal-ostakli;
- (e) rumble strips;
- (f) sistemi ta' trażżin fit-toroq.

7. Pontijiet u mini:

- (a) preżenza u għadd ta' pontijiet, inkluża l-informazzjoni rilevanti tagħhom**
- (b) preżenza u għadd ta' mini, inkluża l-informazzjoni rilevanti tagħhom**
- (c) elementi viżivi li jirrappreżentaw perikli għas-sikurezza tal-infrastruttura.**

8. Intersezzjonijiet:

- (a) it-tip ta' intersezzjoni u l-għadd ta' daħliet/ħarġiet (attenzjoni partikolari għat-tip ta' kontroll u l-preżenza ta' dawriet protetti);
- (b) preżenza ta' kanalizzazzjoni;
- (c) kwalità tal-intersezzjoni;
- (d) volum tat-triq tal-intersezzjoni;
- (e) preżenza ta' intersezzjonijiet bejn toroq u binarji (***attenzjoni partikolari għat-tip ta' intersezzjoni u jekk hijiex ikkontrollata minn persunal, jekk hijiex mingħajr persunal, jekk hijiex manwali jew awtomatizzata***).

9. Manutenzjoni:

- (a) difetti fil-bankini;
- (b) reżistenza tal-bankina kontra ż-żliq;
- (c) kundizzjoni tal-korsija ta' emerġenza (inkluża l-veġetazzjoni);
- (d) kundizzjoni tas-sinjali, tal-marki u d-delinjazzjoni;
- (e) kundizzjoni tas-sistemi ta' trażżin fit-toroq.

10. Faċilitajiet għall-utenti vulnerabbli tat-triq:

- (a) postijiet fejn jaqsmu l-persuni bil-mixi **u bir-roti** (intersezzjonijiet fil-livell tat-triq u separazzjoni tal-livelli);
- (b) **postijiet fejn jaqsmu persuni bir-roti (intersezzjonijiet fil-livell tat-triq u separazzjoni tal-livelli);**
- (c) ċnut għall-persuni bil-mixi;

- (d) eżistenza ta' bankini jew faċilità separata;
- (e) faċilitajiet għar-roti **u t-tip tagħhom (passaġġi għar-roti, korsiji għar-roti, oħrajn)**;
- (f) kwalità tal-intersezzjoni għall-persuni bil-mixi f'dak li jirrigwarda l-viżibbiltà u s-sinjali tal-faċilità;
- (g) **faċilitajiet** tal-intersezzjoni għall-persuni bil-mixi **u bir-roti** fuq id-daħla ta' triq minuri li tingħaqad man-netwerk.
- (h) **eżistenza ta' rotot alternattivi għall-persuni bil-mixi u bir-roti f'każ li ma jkunx hemm faċilitajiet separati.**

11. Sistemi ta' qabel/wara ħabta għall-korriment tat-traffiku u elementi ta' mitigazzjoni tal-gravità:

- (a) **Ċentri operattivi tan-netwerk u faċilitajiet ta' kontroll oħra;**
- (b) **Mekkaniżmi biex jiġi kkomunikat lill-utenti tat-toroq dwar il-kundizzjonijiet tas-sewqan għall-prevenzjoni ta' aċċidenti jew inċidenti;**

- (c) *Sistemi ta' Detezzjoni Awtomatika tal-Inċidenti (AID): sensuri u kameras;*
- (d) *Sistemi ta' Ġestjoni tal-Inċidenti;*
- (e) *Sistemi għal komunikazzjoni ma' korpi ta' emerġenza.";*

(5) *l-Anness IV jiġi emendat kif ġej:*

(a) *il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"1. il-pożizzjoni kemm jista' jkun preċiża tal-inċident, inklużi l-koordinati tal-GNSS;"

(b) *il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"5. gravità tal-aċċident".
